# IT-TITULAR TAL-KNISJA TAGĦNA

**kitba ta' Teddy Farrugia**

Wieħed mill-aktar opri artistiċi li għandna fil-knisja Parrokkjali tagħna, bla dubju huwa l-kwadru titulari ddedikat lill-Misteru tat-Trinità Qaddisa. Dan huwa xogħol il-pittur famuż Malti Lazzaro Pisani u nħadem fl-1910 bi spejjeż tal-benefatturi s-Sinjur u s-Sinjura Balbi. Dan il-kwadru huwa maqsum f'żewġ partijiet - dik ta' fuq turi lis-Santissima Trinità, bil-Missier Etern tabilħaqq figura b'dinjità kbira fuq il-lemin, Ġesù Kristu fuq ix-xellug u l-Ispirtu s-Santu iktar 'il fuq minnhom. Il-Missier Etern bil-leħja bajda li turi l-eternità tiegħu b'idu x-xellugija mgħollija 'l fuq f'att ta' barka, filwaqt li f'idu l-leminija, mistrieħa fuq id-dinja, qiegħed iżomm xettru, bħala simbolu ta' l-omnipotenza tiegħu.



Kristu fin-naħa l-oħra, qiegħed iħaddan is-Salib li fuqu bata u miet għalina, filwaqt li idu x-xellugija tidher miftuħa b'għelm ta' aċċettazzjoni tar-rieda tal-Missier, wara l-waqgħa ta' Adam u Eva fl-Eden. L-Ispirtu s-Santu qiegħed idellel fuq il-Missier u l-Iben f'forma ta' ħamiema bajda li twassal leħen il-Mulej u tnebbaħ fl-imħuħ is-sapjenza divina u l-qawwa tal-kelma li tgħaqqad fiha l-lingwi kollha tad-dinja u tagħti kuraġġ u setgħa lil min hu denn li jkun ispirat minnha.

Fil-parti t'isfel naraw qtajja ta' anġli b'raġġiera ma' rashom u tliet puttini fiċ-ċentru, qegħdin iżommu t-twavel tal-kmandamenti, tliet puttini, f'poża differenti, wieħed mill-ieħor, b'mod li d-devot jista' jaqra x'hemm miktub fuq it-twavel.

Din hija l-kompożizzjoni perfetta li tagħti lill-kwadru s-sinjifikati kollha li s-Santissima Trinità tispira u li jidħlu f'moħħ il-bniedem b'sempliċità evanġelika li tkebbes imħabba u devozzjoni.

Ta' min isemmi x'kienet il-kawża li l-Knisja Parrokkjali tagħna ġiet iddedikata lill-Misteru tat-Trinità Mqaddsa. Is-Sur Antonio Mercieca, in-neputi tas-Sinjuri Balbi, jgħid li din kienet ix-xewqa tas-Sinjura Carmela Balbi li t-tempju tal-Parroċċa tagħna jkun iddedikat lit-Trinità. Carmela kellha f'kamritha xbiha tal-Kurċifiss li kien għal qalbha ħafna. Taħt dan il-kurċifiss, mal-għuda tas-Salib, kellha santa komuni tat-Trinità. Kienet din is-santa ċkejkna l-vera kawża tat-titolu tal-Parroċċa tal-Marsa. Il-ħsieb li kellha fil-bidu ta' daqsxejn ta' kappella lill-Madonna ta' Lourdes, ġie mibdul f'dak ta' tempju grandjuż ad unur l-akbar misterju tal-Fidi tagħna.

Il-kwadri tal-benefatturi Balbi li jinsabu fis-sagristija tal-knisja huma wkoll xogħol klassiku ta' Pisani, fejn fihom Pisani juri l-personalità ta' din il-koppja ġenerali. Il-libsa ta' Carmela Balbi turi r-raffinezza u x-xogħol artistiku mill-aqwa li jista' jitfassal biss minn min hu tabilħaqq surmast u ritrattist dedikat bħal Lazzaro Pisani.